Tifkiriet ta' tfuliti

# In-naħa tax-Xlokk ta' Ħal Lija

George Tanti



Ngħid grazzi kbira lil Kristu Salvatur li għoġbu jerġa' jagħtini sena oħra biex inkun nista' nwassal ftit milli għadni niftakar minn żmien tfuliti, sittin jew sebgħin sena ilu. Matul is-sena hekk nagħmlu jien u ħbiebi kull nhar ta' Ħadd wara l-Quddiesa tad-9.30 a.m. Niltaqgħu fil-bar tas-Soċjetà Sant' Andrija Villa Lija, u l-gost tagħna jkun, li waqt li nixorbu xi ħaġa, nintilfu fid-diskors, nirrakkontaw xi ħaġa tal-antik, u kultant ukoll immieru lil xulxin. Toħroġ il-għaġeb, hemm nindunaw kemm iż-żgħażagħ jinteressaw ruħhom u joqogħdu attenti jisimgħuna, u jgħidulna li dawn il-ġrajjiet tal-imgħoddi, żgħar kemm huma żgħar, imisshom jinkitbu, għax inkella, kollox jintesa u jtir mar-riħ.

Fil-ħarġa tas-sena li għaddiet fakkart kif kienet id-dehra ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali qabel ma nfetħu Misraħ u Vjal it-Trasfigurazzjoni. F'dik ta' sentejn ilu fakkart kif kienet il-ħajja fl-inħawi ta' Triq Sant' Andrija. F'din il-ħarġa nixtieq infakkar kif kienet id-dehra tan-naħa tax-Xlokk ta' Ħal Lija, jiġifieri x-xaqliba ta' fejn it-tlitt irħula jmissu ma' xulxin. Peress li żmien tfulitna konna mmexxija minn gvern kolonjali, xi titli se nsemmihom bl-Ingliż, eżatt kif konna nsibuhom aħna fi tfulitna.

## *Lija Girls' School*

Din l-iskola kienet fejn illum hemm l-uffiċċju tas-Sigurtà Soċjali, il-Fergħa tal-Posta, il-Berġa u l-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan (153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan). Għalkemm il-bini ta' din l-iskola kien fil-limiti ta' Ħal Balzan, l-isem tagħha kien *Lija Girls' School*, però kienu jattendu fiha t-tfal bniet tat-tlitt irħula, Ħal Lija, Ħal Balzan u Ħ'Attard.

Fi żmien il-gwerra, il-Qorti ġiet trasferita mill-Belt Valletta għal dan il-bini




minħabba l-attakki tal-għadu. Fil-kantina ta' din l-iskola min jaf kemm twieldu tfal, billi għamluha post ta' kenn għal dawk l-ommijiet li kienu waslu biex iwelldu. 'L isfel mill-kantina kien hemm ukoll xelter tal-gwerra. Niftakru li f'Ħal Lija biss dak iż-żmien kienu jgħixu aktar minn ħamest elef ruħ, minħabba r-refuġjati li kienu ġew jgħixu magħna, aktarx mill-Isla, il-Birgu u Bormla. Għadni niltaqa' ma' nies ta' 68 u 69 sena, li jgħiduli li kienu twieldu f'din il-kantina.

## *Lija Boys' School*



Din l-iskola wkoll fi tfuliti kienet fil-limiti ta' Ħal Balzan. Hija dar kbira, fuq ix-xellug fil-bidu tat-triq aħna u sejrin lejn Ħ'Attard. Illum joqogħdu fiha n-nies. Għandha erba' bibien, tnejn żgħar, numri 19 u 21, bieb ta' remissa numru 23 u l-bieb ewlieni numru 25, Triq Sant' Antnin. Kellha t-titlu ta' *Lija Boys' School*, u kienu jattendu fiha wkoll is-subien tat-tlitt irħula. Niftakar li fis-sular ta' fuq kien hemm sala kbira, li kienet maqsuma b'żewġ diviżorji għal tliet klassijiet kbar u spazjużi. Dawn id-diviżorji kienu jinfetħu u fis-sala konna ninġabru t-tfal kollha għal xi attivitajiet, fosthom għall-Quddiesa kull nhar l-ewwel Ġimgħa tax-xahar li kienet issir fuq l-altar li kien hemm f'naħa waħda tas-sala.

F'kull waħda minn dawn iż-żewġ skejjel kien hemm ġnien sabiħ, b'ħafna siġar tal-larinġ u frott ieħor. Kull filgħodu aħna t-tfal konna ninġabru fil-ġonna, u meta ddoqq il-qanpiena konna ngħidu t-talba flimkien u wara mmorru fil-klassi. Konna nerġgħu niġu fihom fil-brejk. Din l-iskola tas-subien kienet palazz ta' xi kavallier, u fl-imgħoddi kienet tinfed mal-Ġonna ta' Sant' Anton.

## *Lija Police Station*



L-Għassa tal-Pulizija fi tfuliti kienet fid-dar numru 1, Triq il-Kbira, Ħal Lija, fejn illum toqgħod familja. Din kienet iservi għall-irħula ta' Ħal Lija u Ħal Balzan. Kont issibha miftuħa lejl u nhar u kull filgħaxija l-pulizija kien jagħmel ir-ronda, jew riekeb fuq rota kbira numru 28, jew bil-mixi. Kien idur dawra maż-żewġt irħula u jara jekk ikunx hemm xi ħaġa mhux tas-soltu. Aħna t-tfal konna nibżgħu ħafna meta narawh għaddej.

Fi żmien il-gwerra fuq il-bejt tal-għassa kien hemm is-sirena li kienet taħdem bl-elettriku u tagħti sinjal ta' attakk mill-ajru. Meta l-leħen kien jitla' u jinżel kien ikun sinjal ta' '*Air Raid*', attakk mill-ajruplani Taljani jew Ġermaniżi. Il-ħoss tagħha kien iwassal ħafna. Meta jispiċċa l-periklu, is-sirena kienet iddoqq b'ħoss uniformi għal ftit ħin u kien ifisser li l-periklu kien għadha, jew '*Raiders Past*'.

## Il-Berġa



Eżatt wara fejn kienet l-għassa, fir-rokna ħdejn il-ħajt fejn hemm l-istatwa ta' San Ġużepp, f'numru 183, Triq Annibale Preca, kien hemm il-Berġa. Din kienet ukoll għas-servizz tan-nies tat-tlitt irħula għall-ewwel għajnuna ta' xi korriment, għat-tilqim u għal kull ma kien jista' jinqala' f'dawk iż-żminijiet.

## Il-venda tal-karozzi tal-linja




Fi żmien tfuliti kien hemm il-venda tal-karozzi tal-linja ta' Ħal Lija. Dawn kienu miżbugħin ħomor b'faxx abjad u bis-saqaf abjad. Fuq il-kabina minfejn kien isuq ix-xufier, kien hemm miktub id-destinazzjoni 'LIJA' u

ma' kull ġenb fuq il-faxx abjad kellhom il-kitba: 'Lija – Valletta'. Din kienet għas-servizz tat-tlitt irħula. Minn dejjem kont nismagħhom jgħidu li l-linja ta' Ħal Lija kienet l-aqwa fejn jidħlu l-effiċjenza u l-edukazzjoni tax-xufiera u tal-kondutturi.

## Il-fabbrika tas-sigaretti *'Wills'*

Fiż-żminijiet koroh tat-Tieni Gwerra Dinjija, din il-fabbrika kienet ġiet trasferita mix-xatt tal-Port il-Kbir għal dar kbira ftit 'il fuq mill-istatwa ta' San Ġużepp li ġġib numru 181, Triq Annibale Preca. Kienet timpjega mal-250 ruħ, il-biċċa l-kbira tfajliet minn dawn it-tlitt irħula. Meta staqsejt lil persuna li kienet taħdem f'din il-fabbrika, illum għandha 86 sena, kemm kellha paga, qaltli li kienet taqbad lira u nofs fil-ġimgħa, li jġibu 3.50 ewro tal-lum. Qaltli wkoll li meta kienu jqattgħu xi ħinijet fix-xelter minħabba xi attakk mill-ajru, il-paga ma kintx tiġi mnaqqsa.

## Il-*Protection Office*



Dan l-uffiċċju kien ukoll għat-tlitt irħula u kien żewġ bibien 'l fuq mill-fabbrika tas-sigaretti, numru 177. Niftakar qisu llum li fi żmien il-gwerra, minn dan l-uffiċċju kien jiġi kkontrollat kollox. Kienu jiġi mqassma l-familji refuġjati ma' familji oħra. F'dan il-każ, fuq il-koxxa tal-bieb kien jiġi stampat salib tal-kavallieri ta' sitt pulżieri, kulur aħmar, biex juri li f'dik id-dar hemm familja refuġjata. Minn hemm kienu jiġu mqassma l-maskri kontra l-gass biex jintlibsu f'xi attakk tal-gass mill-għadu. L-uffiċjali tal-ARP (*Air Raid Precaution*) kienu jużaw dan l-uffiċċju, u fuq dirgħajhom kellhom faxxa b'dawn it-tliet ittri u kienu jilbsu elmu tal-azzar. Dawn kienu joħorġu jduru fit-toroq waqt xi attakk mill-ajru biex ma jħallux nies jiġru fit-toroq, u jaraw li dawn imorru fix-xelter.

Ix-xogħol prinċipali tal-*Protection Officers* kien it-tqassim tal-kotba tar-razzjon, li bihom kull familja kienet tkun tista' tixtri ammont żgħir ta' ħobż, ikel, ħwejjeġ jew oġġetti oħra bżonnjużi. Anki s-sigaretti kienu jkunu bir-*ration*! Dak iż-żmien, bil-moħbi, kien isir ukoll xi bejgħ ta' oġġetti bi prezz għoli. Min kien jinqabad ibigħ jew jixtri b'dan il-mod jew bil-*black market* , kien jeħel pieni ħorox u anki l-ħabs.

## Annibale Preca

Qabel ma nispiċċa dawn it-tifkiriet, ma nistax ma nsemmix xi ħaġa dwar Annibale Preca, li semmejtu kemm-il darba. Dan kien joqgħod fid-daħla ta' wara l-istatwa ta' San Ġużepp, fid-dar numru 2, Sqaq Numru 1. Twieled il-Belt Valletta fl-1832 u qatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajtu f'Ħal Lija. Kien studjuż tal-Malti u kiteb dwar l-alfabet fonetiku Malti, l-istorja sagra u ktieb dwar il-ġografija. Kien ukoll prokuratur tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija. Kien miet f'din l-istess dar fl-1901. Qabel ma ssemmiet it-triq għalih, din kien jisimha *Strada Molino e Musta*, (bil-Malti: Triq il-Mitħna u l-Mosta).

Minn qalbi nirringrazzja lis-Sur Joseph Portelli, l-President ħabrieki u l-Kumitat tas-Soċjetà Sant' Andrija, talli għal tliet snin wara xulxin ħajruni nkompli nikteb dawn it-tifkiriet ta' żmien tfuliti u ngħaddihom lil dawk li ma laħqux dawk iż-żminijiet. Nirringrazzja wkoll lil Mons. Ġużeppi Fenech tal-għajnuna li dejjem sibt minnu fil-kitba tiegħi.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

